MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 131/2004

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Etienne u Lucienne mizzewgin Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat telef, mitejn u sebgha u tmenin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (LM4,287.68) bilanc ghad-debitu fl-"Motor Loan Account" ta' Etienne u Lucienne mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A4") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2003 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Motor Loan Account" gie moghti lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Novembru, 2001 (Dok. "B");

U dana peress illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe' Dok "B" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Etienne u Lucienne mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u / jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jwe jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru 2003 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti mal-Avviz;

Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta' Frar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s- somma ta' erbat telef, mitejn u sebgha u tmenin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (LM4,287.68) bl-imghax legali kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------